31 ta' Mejju, 1948.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Erik Gollcher ne. *versus* Lt. Denis Higgins, R.N , ne.

**Emergency Compensation Board — Kompożizzjoni tal-Board — Proċedura — Sentenza — Nullità.**

*Il-fatt li l-Emergency Compensation Board, meta jagħti l-Ordni, jew sentenza, ikun kompost diversament minn kif kien meta saret it-trattazzjoni tar-rikors quddiemu, ma hux motiv ta' nullità ta' l-Ordni mogħti minn dak il-Board hekk diversament kostitwit. Il-parti li jidhirlha li r-rikors ma kellux jiġi deċiż mill-Board kif rikostitwit messha talbet li r-rikors jerġa' jiġi trattat mill-Board malli ġiet pubblikata l-kompożizzjoni ġdida tiegħu.*

*Imma l-fatt illi l-espert li jifforma parti mill-Board jaċċedi fl-uffiċċju tad-ditta rikorrenti biex jeżamina l-kotba ta' dik id-ditta u jagħmel il-verifiki li jidhirlu, mingħajr ma javża lill-parti l-oħra li riedet tkun preżenti għal dik il-verifika biex tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha, huwa motiv ta' nullità tad-deċiżjoni tal-Board, avvolja fil-verifiki tiegħu l-espert ma jkunx sama' lanqas lill-parti avversarja; għax dan l-aġir jikkostitwixxi vjolazzjoni tar-regola fondamentali fil-proċedura li kull parti għandha jkollha l-opportunità li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha.*

*Ir-regola illi Board huwa organament sommarju li mhux obligat japplika b'metikolożità r-regoli tal-Proċedura Ċivili tirrigwarda dawk ir-regoli li huma ta' importanza sekondarja, u mhux ir-regoli fondamentali bħal ma hija dik "audi alteram partem".*

*F'każ simili lanqas hija applikabili r-regola illi l-Qorti tista' tgħaddi 'l quddiem, avvolja jkun hemm vjolazzjoni tal-forma, meta tara li s-sentenza hija sostanzjalment ġusta.*

Il-Qorti, — Rat is-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 1947, fejn ġiet deċiża l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, u fejn hemm rikapitolati t-talba ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-31 ta' Jannar 1948, fejn irrespinġiet l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-Ordni ta' l-Emergency Compensation Board, bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine u laqgħet it-talba ta' l-attur nomine bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Fuq l-eċċezzjoni tan-nullità minħabba t-tbiddil tal-membri tal-Board, illi r-rikors ġie trattat fit-30 ta' Ġunju 1943, meta l-Board kien kompost mill-Onorevoli Imħallef Montanaro Gauci, Chairman, Lt. Col. Walton, Major Powell, Inġinier Ċivili John Camilleri, u Negozjant John Cauchi, meta xehed ir-rikorrent u ġew prodotti dokumenti, u l-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom, u ċ-Chairman ta l-inkariku lin-Negozjant Cauchi biex jinvestiga ċ-ċirkustanzi tal-"claim" u jirrelata fuqhom;

Illi l-Board għamel l-Ordni impunjat fil-25 ta' April 1946, meta l-membri kollha kienu oħrajn, ħarra miċ-Chairman, u fosthom John Fleri illi kien inkarikat jagħmel dik l-investigazzjoni peress illi n-Negozjant Cauchi ma kien għadu għamel xejn;

Illi għall-Board huma applikabili r-regoli tal-Proċedura Ċivili;

Illi għalkemm huwa veru dak li jgħid il-Halsbury, Laws of England. Vol. 21, § 1070, il-pratika proċedurali tagħna hija diversa; għax meta fil-kors tal-kawża jitbiddel l-Imħallef, dan ma jerġax jisma' x-xhieda mill-ġdid, ammenokkè ma jħossx in-neċessità li jerġa' jismagħhom jew il-partijiet ma jagħmlux talba appożita, iżda jerġa' jisma' t-trattazzjoni orali ammenokkè l-partijiet ma jgħidux li ma għandhomx xi jżidu;

Illi fil-każ preżenti mhux biss ma kienx hemm talba biex il-provi jerġgħu jinstemgħu, iżda jidher illi l-appellant lanqas ried *illi jerġa' jirrepeti huwa l-osservazzjonijiet li kien għamel*, kif jirriżulta mill-ittra tiegħu tad-29 ta' Marzu 1944; illi barra minn dan, il-proċess kien ampjament trattat per mezz ta' skritturi, u t-trattazzjoni orali xejn ma żiedet; illi għalhekk fuq dan ma hemm l-ebda vjolazzjoni tal-ġustizzja naturali;

Illi fuq l-eċċezzjoni l-oħra, illi l-membru tekniku għamel l-investigazzjonijiet mingħajr ma ġiet mogħtija lill-appellant l-opportunità li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu; illi r-regola "audi alteram partem" hija ta' importanza kbira, li għandha tiġi applikata mit-tribunali speċjali; illi kieku saret xi prova testimonjali quddiem l-espert mingħajr l-intervent tal-parti l-oħra, allura dik ir-regola kienet tkun vjolata, iżda dan ma ġarax; illi huwa veru illi huwa mar fl-uffiċċju tad-ditta attriċi biex jeżamina l-kotba, iżda dan għamlu biex jikkontrolla bir-reġistrazzjonijiet tal-kotba dak li ġa kien jirriżulta mill-inkartament; f'dik l-okkażjoni huwa ma sema' lil ħadd, la bil-ġurament u lanqas bla ġurament, lanqas ma talab spjegazzjonijiet, għax il-kotba kienu ċari biżżejjed; illi l-eżami tal-kotba kien element sussidjarju, u għalhekk ma jistax jingħad *illi* għax *il-konvenut* nomine ma kienx preżenti huwa ma kellux opportunità li jikkontrolla l-provi, li l-appellant kien jaf bihom għax irriżultaw mill-proċess; illi għalhekk ma hija ta' l-ebda importanza ċ-ċirkustanza illi l-konvenut nomine talab darbtejn biex ikun preżenti għall-eżami tal-kotba u *ma ġiex notifikat, billi l-provi kienu kollha saru qabel*; illi dak l-espert ma ħax provi ġodda, iżda ħa xi informazzjonijiet biex jikkontrolla l-eżattezza tal-provi; illi l-Board mhux suppost li għandu jsegwi metikolożament ir-regoli tal-Proċedura; illi l-każ imsemmi mill-Ewwel Qorti bis-sentenza hemm *indikata kien wisq divers*;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq indikata tiġi revokata, u wara li tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità tad-deċiżjoni

tal-Board tal-25 ta' April 1946, tirrespinġi t-talba ta' l-attur bl-ispejjeż;

Tikkunsidra;

Illi fuq l-ewwel kawżali tan-nullità ta' l-Ordni tal-Board, illi meta ġie mogħti dak l-Ordni l-membri kollha ta' dak il-Board kienu kollha diversi, barra ċ-Chairman, minn dawk li quddiemhom saret it-trattazzjoni tar-rikors fuq il-pretensjoni ta' l-attur nomine, din il-Qorti taqbel ma' dak li rriteniet l-Ewwel Qorti. Infatti l-appellant, illi kien jaf, jew illi kien imissu jkun jaf, illi dawk il-membri kienu diversi, peress illi l-isem tagħhom jiġi publikat fil-Gazzetta tal-Gvern, imissu talab illi t-trattazzjoni terġa tirripeti ruħha quddiem il-Board kif kien kostitwit, u mhux jikteb l-ittra ċitata mill-Ewwel Qorti, tad-29 ta' Marzu 1944, fejn talab illi d-deċiżjoni ta' dik il-kwistjoni tiġi mogħtija mill-aktar fis possibbli. B'dik l-ittra l-appellant wera biċ-ċar illi huwa ma jinsistix illi r-rikors jiġi trattat mill-ġdid, la darba talab illi d-deċiżjoni tiġi mogħtija mill-aktar fis possibbli. Għalhekk il-kawżali hija mingħajr bażi;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-tieni kawżali, illi l-espert mar fl-uffiċċju taddiitta attriċi u eżamina hemm il-kotba mingħajr l-intervent ta' l-appellant nomine, irriżulta mill-fol. 40 tal-proċess illi l-espert tal-Board, in-Negozjant Jos. Cauchi, kien ġie inkarikat "to investigate the circumstances of this claim and to file a report accordingly". Dan kien fit-30 ta' Ġunju 1943. mentri fit-3 ta' Lulju 1943 (fol. 53) il-P.L. Roberto Dingli, għan-nom ta' l-appellant, kiteb lis-Segretarju ta' dak il-Board illi "this being a very important case, in which the divergence between the parties is very great, the Legal Adviser has instructed me to kindly request you to ask Mr. Cauchi, who at the last sitting held by the Board was directed to investigate the matter, and to file a preliminary report. to inform me of any meeting he may appoint with the claimant, especially when the claimant's books will be examined, as the Divisional Sea Transport Officer wishes to be represented at any such inspection, etc. I shall be

very much obliged if you could pass this request to Mr. Cauchi before he starts his investigation";

Fis-26 ta' Awissu 1943 (fol. 54) l-istess P.L. Dingli, għan-nom ta' l-appellant, reġa' kiteb lis-Segretarju tal-Board u bagħatlu dokument biex jiġi konsenjat lill-espert, Negozjant Cauchi, u żied:— "I wish again to place on record my client's wish to be represented at any meeting or inspection that Mr. Cauchi may hold with the other party, in order that he may submit his remarks in each case; and I hope that Mr. Cauchi will therefore inform me beforehand of any such meeting or investigation";

Tikkunsidra;

Illi minn din il-korrispondenza jidher ċar illi jekk l-espert tal-Board deherlu li huwa neċessarju li jeżamina l-kotba sija pure biex jikkontrolla dak li kien jirriżulta mix-xhieda, kien fl-obligu li javża lill-appellant, la darba dan insista b'mod hekk ċar u espliċitu li huwa jrid ikun preżenti fil-waqt ta' l-eżami tal-kotba, biex ikollu opportunità li jagħmel lill-espert l-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-istess kotba wara li huwa jkun ukoll eżaminahom. Xejn ma jiswa illi n-Negozjant Cauchi ġie sostitwit minn John Fleri, għax dan kien daħal fil-pożizzjoni preċiża tal-predeċessur tiegħu; u billi huwa presumibili, u ma jistax jiġi dubitat għal mument wieħed, kif del resto jirriżulta anki mix-xhieda ta' John Fleri, illi huwa kien qara l-inkartament biex ikun edott ta' dak kollu li kien sar qabel in-nomina tiegħu, għalhekk huwa kien edott ukoll b'dawk it-talbiet leġittimi ta' l-appellant. Fil-fatt imbagħad ġara l-kuntrarju; l-espert John Fleri eżamina dawk il-kotba fl-uffiċċju tad-ditta attriċi mingħajr ma avża bl-ebda mod lill-appellant, li kien jaf b'dak l-eżami tal-kotba meta qara l-Ordni tal-Board, peress illi r-relazzjoni ta' l-espert tiġi magħmula lill-membri l-oħra tal-Board u ma tkunx aċċessibili lill-partijiet;

Tikkunsidra;

Illi bin-nuqqas tan-notifika ta' l-appellant għal dak l-eżami, ir-regola fondamentali "audi alteram partem" ġiet vjolata, għaliex dik il-parti espressament riedet ikollha oppor-

tunità illi tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha meta jiġi l-mument ta' l-eżami tal-kotba, u għalhekk l-espert, għalkemm ma semgħax lanqas lill-attur jew lill-impjegati tiegħu, għalkemm ried jeżamina l-kotba biex jikkontrolla l-veridiċità tal-provi orali, iżda jibqa' dejjem indubitat illi ppriva lill-parti l-oħra mill-opportunità illi tara liema kotba ġew sottomessi lill-espert, liema partiti tagħhom ġew minnu eżaminati, u għalhekk illi tagħmel dawk l-osservazzjonijiet illi hija kienet fid-dritt li tagħmel u li talbet għalhekk tkun preżenti f'dik l-okkażjoni;

Tikkunsidra;

Illi xejn ma jiswa li John Fleri fix-xhieda tiegħu qal illi l-eżami tal-kotba kien mezz sussidjarju u komplementari għall-provi li kien hemm fil-proċess, (1) għaliex skond il-liġi l-aħjar prova hija dik li tirriżulta mill-kotba meta l-kwistjoni tkun fuq ċifri tal-valur u ta' kalkoli oħra li ried jara l-espert, u mhux fuq il-memorja ta' xhieda, (2) għaliex għalkemm l-espert kien wasal għall-konklużjoni illi dawk il-kotba jikkonfermaw il-provi orali, iżda kellu jisma' wkoll lill-parti l-oħra biex jara xi kritika għandha tagħmel in riferenza għal dawk il-partiti tal-kotba, jew x'deduzzjonijiet għandha tagħmel, għax eventwalment dawk l-osservazzjonijiet setgħu jbiddlu l-konklużjonijiet ta' l-espert;

Tikkunsidra;

Illi huwa veru illi l-Board, għalkemm għandu japplika r-regoli tal-Proċedura Ċivili, iżda huwa organament sommarju u ma jistax japplika b'metikolożità dawk ir-regoli; iżda dan jingħad in riferenza għal dawk ir-regoli ta' importanza sekondarja, u mhux in riferenza għar-regola hekk fondamentali illi kull parti għandha jkollha l-opportunità li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha;

Tikkunsidra;

Illi veru wkoll, kif intqal iżjed 'il fuq, illi kontra l-appellant hemm dik l-ittra tad-29 ta' Marzu 1944; iżda b'dik l-ittra ma jidherx illi huwa kien irrinunzja għad-dritt tiegħu ripetut illi jkun preżenti fl-eżami tal-kotba. L-appellant se-

ta' jkun jaf b'dak li sar wara li ġie publikat l-Ordni tal-Board;

Tikkunsidra;

Illi għalkemm il-liġi tgħid illi meta hemm vjolazzjoni ta' forma, il-Qorti tista' tgħaddi 'l quddiem meta tara li s-sentenza hija sostanzjalment ġusta, iżda din id-dispożizzjoni hija f'dan il-każ inapplikabili, (1) għaliex il-liġi qiegħda tipprevedi vjolazzjoni tal-forma, għax is-sustanza għandha tipprevali fuq il-mera forma, mentri hawn il-vjolazzjoni hija ta' dritt sostanzjali, u mhux ta' mera forma, illi tisma' l-osservazzjonijiet tal-parti l-oħra, (2) u anki kieku kien diversament, din il-Qorti ma tistax tara jekk dak l-Ordni huwiex sostanzjalment ġust, barra minn wisq raġunijiet oħra, għar-raġuni *illi ma għandhiex l-osservazzjonijiet eventwali tal-parti l-oħra*, li ma tistax tagħmel qabel ma tara l-kotba;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tal-konvenut nomine u tiddikjara null, għar-raġuni fuq miġjuba, l-Ordni tal-Board tal-25 ta' April 1946; l-ispejjeż ta' din is-sentenza, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, id-dritt tar-reġistru jitħallas mill-appellat; u tħalli l-kawża "sine die" għall-ulterjuri trattazzjoni, wara li l-Board jagħti ordni ieħor; riappuntabili a domanda anki verbali.